# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Erbgha 25 ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru : 1219/2015 JPG**

**Kawza Numru: 14**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**VS**

**1. Keith Sultana (K.I. numru 81381 (M)), u**

**2. Joseph u Mary mizzewgin Sultana**
**(K.I. numri 964949 (M) u 365252 (M))**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. (C2833) tat-28 ta' Dicembru 2015 li jaqra hekk:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Bisazza datat 17 ta' April 2002 (Dok. "A"), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Keith Sultana;*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-intimati fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf, mitejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€29,220.46) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Keith Sultana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. Dok "B1 sa B3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-15 ta' Awwissu 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Bisazza datat 17 ta' April 2002 (Dok. "A") u permezz ta' skrittura privata datata 1 ta' April 2012 (Dok. "C") il-konvenuti Joseph u Mary mizzewgin Sultana ggarantew flimkien u "in solidum" ma' Keith Sultana ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Keith Sultana mal-Bank of Valletta p.l.c.;*

4. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:-*
   *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

5. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

6. *Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 1 ta' Frar 2012 li kopja taghhom qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. "D" u Dok. "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokumenti "A" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

1. *Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' ta' disgha u ghoxrin elf, mitejn u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€29,220.46) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Keith Sultana mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. Dok "B1 sa B3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-15 ta' Awwissu 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datata 1 ta' Frar 2012 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenuti tas-19 ta' Frar 2016, (a fol. 77) li taqra hekk:

1. *"Preliminarjament, illi r-rikors guramentat huwa null billi Johanna Bartolo mhijiex rapprezentant gudizzjarju tas-socjeta esponenti;*

2. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi ma jokkorrux l-elementi riferiti fl-ewwel talba attrici sabiex is-socjeta attrici titlob ir-restituzzjoni immedjata tal-prestitu;*

3. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mhuwiex dovut almenu fl-interezza tieghu peress li saru diversi pagamenti kontra d-debitu tal-esponenti kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza kif ukoll mghandux jittiehed qies ta' imghax fuq imghax (compound interest);*

4. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez;*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti tas-19 ta' Frar 2016 (a fol. 77 et seq.);

Rat in-nota tal-konvenuti tas-27 t'April 2016, li permezz taghha ammettew t-talbiet attrici hekk kif dedotti fir-rikors promotur (a fol. 84);

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha irriduciet l-pretensjoni taghha ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u disghin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€26,693.64);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Johanna Bartolo** xehdet permezz ta' affidavit a fol. 25A illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 17 ta' April 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Bisazza is-socjeta rikorrenti ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimati Keith Sultana. Fl-istess kuntratt, u anke permezz ta' skrittura privata datata 1 ta' April 2012, l-intimati Joseph u Mary konjugi Sultana ggarantew flimkien u in solidum ma' Keith Sultana, a favur tas-socjeta rikorrenti, d-debiti tal-istess Keith Sultana mas-socjeta rikorrenti.

Kompliet, illi s-socjeta rikorrenti tinsab kreditrici favur tal-intimati fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf, mitejn u ghoxrin Ewro u erbghin centezmu (**€29,220.46**), rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-Loan Account ta' Keith Sultana mas-socjeta rikorrenti, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Awissu 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

In vista tan-**nota ta' ammissjoni** prezentata mill-intimati kollha fis-26 ta' April 2016, li tinsab ezebita a fol 84, **wara** illi s-socjeta rikorrenti prezentata nota li permezz taghha **irriduciet** il-pretensjoni taghha ghas-somma ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u disghin Ewro u erbgha u sittin centezmu (**€26,693.64**) stante pagamenti akkont li saru fil-mori tal-kawa, il-Qorti tqis illi t-talba tas-socjeta tikorrenti timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti, tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata datata 1 ta' April 2012 u konsegwentement tikkundanna lill-intimati jhallsu

flimkien u i*n solidum* bejniethom lis-socjeta' rikorrenti **is-somma ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u tlieta u disghin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€26,693.64)** bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Keith Sultana mas-socjeta rikorrenti flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' April 2016 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**